

Brussell, 24 ta' Novembru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0378(COD)

15191/1/23
REV 1

CODEC 2078
EF 343
ECOFIN 1146

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE, lill-Kunsill.
2. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-7 ta' Ġunju 2022².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Marzu 2022³.
4. Fid-9 ta' Novembru 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ 14364/21 + ADD 1.
² ĠU C 307, 12.8.2022, p. 3.
³ ĠU C 290, 29.7.2022, p. 58.
⁴ 15016/23.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE- CONS 42/23.
6. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum għal din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
